MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 282/2012

**P.J. Sutters (Marketing) Limited**

**Vs**

**Sandro Bianchi u martu Simone Bianchi**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' erbat elef u seba mija u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4790.25) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mis-6 t'Ottubru, 2011 li hija d-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati, u inkluz in-nota ta’ riduzzjoni tat-talba attrici ghal tlett elef, mitejn u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,290.25).[1]

Rat ix-xhieda ta’ l-attur Sandro Bianchi fejn ammetta li l-ammont ta’ tlett elef, mitejn u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,290.25) huwa dovut minnu lis-socjeta’ attrici.

Rat li fis-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2014 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta’ Frar, 2014, il-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta’ attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, mitejn u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,290.25), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mis-6 t’Ottubru, 2011 li hija d-data ta’ l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dok PF1 a fol. 11 tal-process.